MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**JACQUELINE PADOVANI**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2003

Numru. 551/2002

PULIZIJA
SPETTUR ROBERT GREGORY
VS
THERESA BORG

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputata Theresa Borg ta' 66 sena imwielda Zejtun nhar is-27 ta' Settembru 1935 bint Grazio Mifsud u Consiglia nee Montebello residenti The Arch, Mensija Road, San Gwann detentrici tal-karta tal-identita numru 0685356M talli f'dawn il-gzejjer nhar il-15 ta' Gunju 2002 ghal habta ta' 10am gewwa il-post maghruf Triq Mensija San Gwann ikkagunat minghajr il-hsieb li toqtol jew li tqieghed il-hajja ta' haddiehor f'periklu car, ikkagunat friti ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Karmena Galea minn San Gwann skond kif iccertifikat Minn Dr A Imbroll MD tal-Isptar San Luqa, Pieta u dan ai termini tal-artikolu 214, 218(1)(b) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess, data, lok, u cirkostanzi hebbet ghall-istess Karmena Galea minn San Gwann sabiex tingurja, iddejjaq jew taghmillha hsara u dan bi ksur tal-artikolu 339(d) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Talli fl-istess data, lok u cirkostanzi gewwa San Gwann volontarjament kisret il-bon ordni u il-kwiet pubbliku b'ghajjat u glied u dan bi ksur tal-artikolu 338(dd) tal-kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Rat id-dokumenti esebiti, l-atti kollha tal-kaz.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali u tal-imputata sabiex il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja.

Rat il-verbal tal-20 ta' Mejju 2003 fejn il-partijiet iddikjaraw li jaghzlu li ma jixhdux kontra xulxin biex ma jinkriminawx ruhhom, u qed jirrinunzjaw ghall-azzjoni kriminali

L-imputata tobbliga ruhha li bl-ebda mod la direttament u l-anqas indirettament ma timmolesta lil Karmena Galea.

Ghaldaqstant il-Qorti tiddikjara il-procediment ezawriet rigward l-ewwel akkuza u ssib lill-imputata mhux hatja tat-tieni akkuza u tilliberaha..

MAGISTRAT
MARICA CARUANA
DEP.REG.

--------------------------------TMIEM--------------------------------